# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## Teħid ta' ġurament minn membri ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2012/C 366/02)

Wara l-ħatra tagħhom bħala mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja b'deċiżjonijiet tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-25 ta' April 2012 ([1]) u tal-20 ta' Ġunju 2012 ([2]), għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2011 sas-6 ta' Ottubru 2018, J. L. da Cruz Vilaça u C. Vajda ħadu l-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Ottubru 2012.

Wara l-ħatra tiegħu bħala avukat ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja b'deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-25 ta' April 2012 ([1]), għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018, M. Wathelet ħa l-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Ottubru 2012.

([1]) ĠU L 121, 08.05.2012, p. 21
([2]) ĠU L 169, 29.06.2012, p. 60

## Elezzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2012/C 366/03)

Fil-laqgħa tad-9 ta' Ottubru 2012, l-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja eleġġew, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lil V. Skouris bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mid-9 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2015.

## Elezzjoni tal-Viċi-President tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2012/C 366/04)

Fil-laqgħa tad-9 ta' Ottubru 2012, l-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja eleġġew, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lil K. Lenaerts bħala Viċi-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mid-9 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2015.